MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2013

Appell Civili Numru. 2714/1996/1

**Mary Grech f'isimha proprju u bhala kuratrici ad litem ta' uliedha minuri Daniela u Justine ahwa Grech**

**v.**

**Nazzareno sive Reno Grech**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat mill-attrici fit-13 ta' Settembru, 1996, li jaqra hekk:
"Peress illi l-kontendenti izzewgu fit-23 ta' Marzu 1980, u ghandhom zewgt itfal, Daniela li twieldet fl-14 ta' Mejju 1982 u Justine li twieldet fil-21 ta' Mejju 1986.

“Peress illi l-imsemmi Reno Grech irrenda ruhu hati fil-konfront ta’ martu l-attrici ta’ swat, eccessi, mohqrija, theddid, sevizzi, u ngurji gravi u l-konvivenza bejn il-kontendenti m’ ghadiex aktar possibli.

“Peress illi l-konvenut m’huwiex f’posizzjoni li jiehu kura ta’ uliedu minuri u f’kull kaz huwa fl-interess tal-imsemmija minuri li jkunu m’ommhom.

“Peress li l-konvenut ghandu obbligu li jmantni kemm lil martu kif ukoll lil uliedu minuri.

“Jghid l-istess konvenut ghaliex ghal ragunijiet premessi m’ ghandhiex din il-Qorti:

1. “Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabbli unikament lill-istess konvenut;

2. “Tassenja lill-attrici l-kura u kustodja tal-imsemmija minuri Daniela u Justine ahwa Grech.

3. “Tikkundannah ihallas retta alimentari lill-attrici ghaliha u ghal uliedha minuri Daniela u Justine, li tigi stabbilita minn din il-Qorti b’dawk il-modalitajiet li jigu wkoll stabbiliti;

4. “Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ta’ bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess komunjoni, taqsamha f’ zewg porzjonijiet ugwalu u tassenja wahda lill-attrici u l-ohra lill-istess konvenut, u tinnomina nutar biex jircievi l-att opportun u kuratur biex jirrapprezenta l-eventwali kontumaci fuq l-istess att;

5. “Tikkundannah sabiex jikkonsenja lill-attrici fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss l-oggetti kollha dotali inkluzi l-flus, u fin-nuqqas jigi kkundannat ihallas lill-attrici l-valur taghhom kif jigi likwidat;

6. “Tapplika kontra l-konvenut id-disposizzjonijiet tal-artikoli tmienja u erbghin (48), u wiehed u hamsin (51) tal-Kodici Civili;

7. “Tordna lill-konvenut biex johrog mid-dar taz-zwieg u jhalliha ghall-abitazzjoni tal-attrici u uliedha minuri.

“Bl-ispejjez komprizi dawk tal-proceduri quddiem is-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili kontra l-konvenut li jibqa’ ngunt ghas-subizzjoni.”

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li in forza taghha eccepixxa illi
“a. Illi z-zwieg bejn il-kontendenti sar impossibbli minhabba l-agir inkrepattiv tal-istess attrici li ghamlet il-hajja taz-zwieg mal-esponent tant difficli li ghaddej minn klavarju liema kalvarju qed jghaddu minnu wkoll t-tfal tal-partijiet tort principalment tal-attitudni tal-attrici.

“b. L-agir tal-attrici huwa tant maskili u pikuz li tiggieled hafna u b’mod assertiv bil-kliem ta’ theddid u xejn kumplimentuz liema haga anki estendiha ma’ min l-attrici jidhrilha li mhux qed japoggaha.

“c. Illi l-esponent ghamel minn kollox biex isalva z-zwieg tal-partijiet nonostante n-nuqqasijiet tieghu, liema haga tigi ppruvata facilment, pero` l-attitudni u l-imgieba tal-attrici kif ukoll l-argumenti taghha huma bbazati biss fuq hsibijiet ta’ flus liema haga hija sekondarja ghal aspett principali tal-imhabba, karezzi u konsiderazzjonijiet simili u tant necessarji f’relazzjoni, liema haga l-istess attrici qed taghmilha impossibbli minhabba l-attitudni taghha stess u li ser tigi ppruvata fil-kawza.

“d. Illi nonostnte din is-sitwazzjoni l-agir tal-esponent hu tali li sallum qed jaghmel minn kollox biex isalva z-zwieg tieghu u ghalhekk ma jistax jigi akkuzat tar-rovina taz-zwieg tieghu liema mgieba mhix kompatibbli mal-akkuzi tal-attrici fil-konfront tal-esponent. L-akkuzi pero` huma kompatibbli mal-agir tal-attrici stess li qed tonqos mhux biss fl-obbligi taghha taz-zwieg imma wkoll fil-konfront tat-

tfal minuri li qed jigu uzati b'mod irresponsabbli kontra l-esponent li qed isservi ta' hsara emozzjonali u psikologika u b'hekk hu xieraq li l-esponent ikollu l-kura u kustodja taghhom."

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti Civili, Sezzjoni Familja, fis-27 ta' Ottubru, 2011 li ddecidiet il-kawza billi:
"[1] tilqa' l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, bi htija esklussiva tal-konvenut;

"[2] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba, stante li t-tfal llum huma maggjorenni;

"[3] tilqa' it-tielet talba, limitatament u fis-sens kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata 'Manteniment';

"[4] tilqa' ir-raba talba, u xxolji l-kommunjoni tal-akkwisti, tillikwidaha u tassenjaha kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata 'Kommunjoni ta' l-Akkwisti';

"[5] tichad il-hames talba, stante li ma ngabux provi fir-rigward;

"[6] tilqa' is-sitt talba, u tapplika fil-konfront tal-konvenut id-dispost tal-artikolu 48 tal-Kap.16;

"[7] tilqa' t-tmien talba, limitatament ghal perijodu ta' sena, wara liema perijodu l-attrici qed tigi ordnata, bil-gudizzju odjern, sabiex tivvaka l-fond 'Villa Incantesimo', plot 36, Triq l-Ghaxiet il-Ghajn, Marsascala."

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"**Azzjoni**

"Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob li din il-Qorti tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partjiiet stante li l-konvivenza bejniethom m'ghadhiex aktar possibbli ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenut kontemplati fl-artikolu 40 tal-Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll sabiex din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni.

"Min-naha tieghu l-konvenut jichad dak imputat lilu u jattribwixxi t-tort ghat-tkissir taz-zwieg "principalment" lill-attrici.

"**Separazzjoni Personali**

"Illi l-partijiet izzewwgu fit-23 ta' Marzu 1980, u minn dan iz-zwieg ghandhom zewgt itfal, Daniela u Justine, li twieldu rispettivament fl-14 ta' Mejju 1982 u fil-21 ta' Mejju 1986, u li ghalhekk illum huma maggjorenni.

"Illi jidher li l-problemi f' dan iz-zwieg bdew mal-ewwel, u fis-sena 1984 l-attrici kienet fethet proceduri ta' separazzjoni personali kontra zewgha, izda eventwalment ma' komplietx b'dawn il-proceduri.

"Illi matul dan il-perijodu zewgha kien fetah il-kumpanija Merger Enterprises Limited, li fiha anke hi kienet tiehu sehem attiv fil-gestjoni taghha; izda minn ricerki li kienet ghamlet dak iz-zmien irrizulta li, filwaqt li l-gestjoni tal-kumpanija kienet kollha kemm hi f'idejn il-konvenut, dan kien rregistra f'isem huh 499 mill-ishma tal-kumpanija, filwaqt li hu kien zamm sehem wiehed biss. Huwa kien trasferixxa proprjeta' tal-kommunjoni fuq din il-kumpanija.

"Illi permezz ta' sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili, il-Qorti ddikjarat li l-kuntratt relattiv "huwa simulat u sar b'qerq u bi hsara tal-jeddijiet tal-attrici [martu] fil-komunjoni tal-akkwisti bl-intenzjoni li din tigi defrawdata mid-drittijiet taghha," u ddikjarat li l-ishma registrati fuq isem hu l-konvenut huma fir-realta' tal-konvenuta u "konsegwentement jappartjenu lill-kommunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn [il-konjugi, Grech].[1]

"Illi rigward il-konvivena matrimonjali, l-attrici tghid li tul il-konvivenza hija kienet kontinwament u ripetutament soggettata ghal vjolenza domestika, fizika u morali, da parti ta' zewgha, u tirrakkonta diversi ncidenti li fihom hija kienet giet imsawwtha, u mhedda minn zewgha.

[1] Vol.2 – fols.573 *et seq.*

“Tghid: “il-problemi ilhom sejrin mill-1984….. Dawn l-ahhar erba’ snin marru daqshekk lura ghaliex hadt il-pozizzjoni tieghi li kien inutili li nibqa’ noqghod ghas-swat. [Kont] noqghod ghall-umiljazzjonijiet biex inzomm lil uliedi maghqudin taht saqaf wiehed..”[2]

“L-attrici tghid ukoll li zewgha kien mghawwi, hafna u kontinwament, mill-familjari tieghu.

“Min-naha tieghu l-konvenut jichad li hu kien isawwat lill-attrici, u jsostni li dina kienet tipprovokah sa kemm fl-ahhar it-tnejn jigu fl-idejn. Jghid: “il-mara tieghi kienet pulizija, u tiggieled bl-idejn daqs ragel; ma nichadx illi gieli gejna fl-idejn, izda nghid li l-loghob tal-idejn dejjem bdietu hi, u li jien qlajt daqqiet ta’ ponn u ta’ sieq minghandha aktar milli qalghet hi minghandi.”[3]

“Illi l-Qorti, wara li ezaminat ix-xhieda estensiva moghtija mill-partijiet f’diversi okkazzjonijiet tul il-proceduri, hija tal-fehema li ghandha taghti affidament lill-verzjoni tal-fatti kif moghtija mill-attrici. Inoltre, din il-verzjoni ssib sostenn qawwi fix-xhieda tat-tifla Daniela, li inter alia, ssemmi kif il-konvenut kien isawwat lill-attrici bit-telefon hekk kif din tmur biex iccempel lill-pulizja.

“Il-Qorti hija tal-fehema li l-kawza ghat-tkissir ta’ dan iz-zwieg kien il-mod vjolenti kif il-konvenut kien igib ruhu fil-konfront ta’ martu, u eventwalment anke fil-konfront ta’ uliedu, liema komportament, ezercitat ripetutament u fuq bazi abitwali, jikkostitwixxi sevizzi fit-termini tal-artikolu 40 fuq citat. Min-naha taghha l-attrici kienet tirreagixxi ghal din il-vjolenza anke fizikament, izda l-agir taghha kien konsegwenzjali ghal dak tal-konvenut.

“Ghalhekk l-ewwel talba attrici hija gustifikata; u l-konvivenza bejn il-partijiet kienet saret impossibbli unikament tort tal-konvenut.

“**Kura u Kustodja**

[2] Dep. 25.08.1998 – Vol.1 – fol.91
[3] Vol.1 – fol.310

“Illi llum dan il-kap gie ezawrit stante li z-zewg ulied tal-partijiet saru maggjorenni.

“**Manteniment**

“Illi tenut kont tal-fatt li l-attrici tahdem bi qligh, din il-Qorti ser tillimita ruhha billi tafferma d-dritt taghha li titlob manteniment minghand zewgha l-konvenut bhala l-persuna hatja tas-separazzjoni, kemm-il darba dina tisfa, involontarjament u ghar-ragunijiet li l-attrici m’ ghandhiex kontroll fuqhom, minghajr mezzi adegwati.

“*Manteniment arretrat*

“Illi permezz ta’ digriet moghti mill-Onorabbli Sekond’ Awla tal-Qorti Civili fit-22 Awissu 1996, l-konvenut kien gie ordnat ihallas lill-attrici manteniment settiminali ta’ LM50 rapprezentanti LM25 ghaliha, u LM25 ghat-tfal minuri.

“Rigward il-hlas ta’ dan il-manteniment il-provi huma kontrastanti u nsodisfacenti. Iz-zewg partijiet prezentaw noti biex juru l-hlasijiet li saru u dawk li ma sarux. Fin-nota taghha l-attrici tghid li ghandha tiehu minghand il-konvenut is-somma ta’ LM4,700 ghal-perijodu bejn it-30 Novembru 1998, filwaqt li l-konvenut fin-nota tieghu prezenta elenku fejn jsostni li ghall-perijodu bejn is-16 Settejmbru 1996 u l-14 Novembru 1998 huwa hallas b’ kollox LM1,145, kif ukoll taha LM500 lill-attrici li min-naha taghha kienet qed tipprecepixxi l-kera ta’ LM60 fix-xahar mill-post ta’ Haz-Zabbar. Issemmi ukoll s-somma ta’ LM2500, sehem l-attrici mid-depozitu fuq il-bejgh tal-post tax-Xaghjra, filwaqt li n-nofs l-iehor nzamm mill-konvenut bhala sehemu mill-kommunjoni.

“Illi, ghajr dawn il-provi dokumentali, li mhumiex konfermati bil-gurament, ghalkemm l-attrici tammetti fix-xhieda taghha li ghal xi zmien kienet tipprecepixxi l-kera tal-post ta’ Haz-Zabbar, kif ukoll li kienet hadet sehemha mid-depozitu tal-post tax-Xaghjra, m’hemmx provi sabiex isostnu t-tezi attrici li din ghad ghandha tiehu minghand il-konvenut ammont sostanzjali ta’ circa LM17,000 bhala

manteniment arretrat. Anzi, il-Qorti tosserva li f'dan ir-rigward il-provi attrici huma manifestament karenti. Fi kliem iehor, hija naqset li tressaq provi li juru bic-car kif waslet ghall-ammont minnha ndikat. Huwa palesi li jinghad li kien l-oneru tal-attrici li tindika u tipprova b'mod sodisfacenti l-ammonti li, skond hi, baqghu ma thallsux.

"Min-naha tieghu l-konvenut jichad li hu ma kienx jaghti manteniment lil martu, ghalkemm jammetti li ma kienx regolari fil-hlas tal-manteniment ordnat mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili, anke peress li ghal xi zmien ma kienx qed jahdem kawza tad-dipressjoni li kellu.

"Mill-provi jirrizulta li ghal xi zmien l-attrici kienet verament tippercepixxi l-kera derivanti mill-fond ta' Haz-Zabbar ghal circa sentejn, kienet bieghet l-ispeedboat proprjeta' tal-kommunjoni tal-akkwisti ghall-prezz ta' LM550 [illum €1281.16] biex skont hi tixtri l-kotba tal-iskola tat-tfal, u thallas l-ispejjez tal-insurance tal-karrozza, u wkoll kienet iddisponiet minn parti mill-ghamara[4] li kien hemm fid-dar, ukoll proprjeta' tal-kommunjoni tal-akkwisti.

"Ferm il-premess, il-Qorti thoss li fic-cirkstanzi ma tistax tilqa' din il-pretensjoni attrici minhabba nsufficjenza ta' provi.

"**Kommunjoni ta' l-Akkwisti**

"Illi anke f'dan ir-rigward, partikolarment fejn jidhlu certu mobbli, bhal l-ispeedboat [Fetcher], il-cabin cruiser [Searay], parti mill-mobbli li kienu fid-dar konjgali, u l-istokk li kien fil-hanut f' Hal Qormi, il-provi huma skarsi; izda l-Qorti ser tipprocedi ghall-likwidazzjoni u assenjazzjoni ta' dawn l-effetti mobbli bil-ghan li jigi rizolt il-kaz bejn il-partijiet li jirrizali ghas-sena 1996.

"In propozitu ghall-likwidazzjoni tal-assi, il-konvenut mal-affidavit tieghu pprezenta prospett dettaljat tal-assi tal-

[4] Fid-depozizzjoni taghha ta' l-1 ta' Lulju 2004 hija, fuq mistoqsija espressa, irrifjutat li tghid lil min bieghet din l-ghamara. Vol.2 – fol.400.

kommunjoni, flimkien ma’ pjan ta’ qasma[5]; filwaqt li l-attrici wkoll prezentat elenku tal-assi.

“Illi l-kommunjoni tikkonsisti fis-segwenti assi:

“[1] id-dar konjugali, Wied il-Ghajn, valutata fl-ammont ta’ LM117,600 [illum €273,934.31];

“[2] **hanut/mahzen** bl-isem Hal Qormi, valutat fl-ammont ta’ LM67,500 [illum €157,232.70];

“[3] **stokk** fl-imsemmi fond, stmat mill-konvenut fl-ammont ta’ LM8,000, li min-naha tieghu jsostni li martu, fiz-zmien li kellha l-amministrazzjoni tal-kumpanija f’idejha, kienet bieghet minnu b’LM2,000 [illum €4,658.75]; f’dan ir-rigward il-Qorti tosserva li l-provi huma skarsi ghall-ahhar, u qed taccetta dawn il-fatti bhala veritieri, fuq bazi ta’ verosimiljanza;

“[4] il-fond Haz-Zabbar, valutat fl-ammont ta’ LM36,000 [Illum €83,857.44];

“[5] l-**ghamara** ezistenti llum fid-dar konjugali, valutata fl-ammont ta’ LM10,251 [illum €23,878.41] u li tinsab elenkata mill-perit stimatur fid-dokument VCE-8 a fols.499 sa 501 tal-process;[6]

“[6] Vettura **Isuzu Gemini** DBD-109 stmata LM1,500 [illum €3,494.06], li qeda fil-pussess ta’ l-attrici; vettura **Toyota Tercel** CBG stmata LM2,500 [illum €5,823.43] u van **Ford Transit** JS2275 LM1,700 [illum €3,959.93], li qedin fil-pussess tal-konvenut;

“[7] **Speedboat** [Fletcher][7] li l-konvenut jghid li tiswa’ LM7,000 [illum €16,305.61], filwaqt li l-attrici tghid li bieghet din id-daghsa ghall-prezz ta’ LM550 [illum €1,281.16];

---

[5] Vol.1 – fols.313-312; fol.289
[6] Vol.2
[7] Ritratt – Vol.2 – fol.440

“[8] **Cabin Cruiser** [Searey] li l-konvenut jghid li biegh ghas-somma ta’ LM5,000 [illum €11,646.87], filwaqt li l-attrici tghid li tiswa LM16,000 [illum €37,269.97];

“[9] **Deheb** tan-nisa li skont il-konvenut jiswa LM10,000 [illum €23,293.73];

“[10] **Flus il-bank** li l-konvenut jghid li jammontaw ghas-somma ta’ LM5,073 [illum €1,1816.91];

“[11] Kont **overdraft** mal-Bank of Valletta li jssupera s-somma ta’ LM58,000[8] [illum €135,103.66];

“[12] l-ishma fis-socjeta’ Merger Enterprises Limited;

“Illi fl-udjenza tas-17 ta’ Gunju 2008 il-partijiet iddikjaraw “li qed jistriehu fuq ir-rapport tal-perit tekniku.”[9]

“*Assenjazzjoni*

“[A] *Dar, Qormi*:

“Illi permezz ta’ verbal registrat fl-udjenza tat-12 ta’ Marzu 2008, gie dikjarat li “il-partijiet jaqblu li z-zewg proprjetajiet Zabbar u l-warehouse bl-isem, Qormi, jinbieghu fil-mori tal-kawza biex jinqata’ d-dejn tal-bank.”[10]

“Ghalhekk, konformament, il-Qorti tordna li dawn iz-zewg fondi jinbieghu fuq is-suq hieles fi zmien sena ghall-prezz mhux inferjuri ghall-ammonti fuq indikati, u fin-nuqqas, jinbieghu taht l-awtorita’ tal-Qorti; u r-rikavat, wara li jithallas id-dejn kollu tal-kommunjoni mal-Bank of Valletta, jinqasam ugwalment bejn il-partijiet.

“[B] *Marsascala*:

“Il-Qorti tosserva li dan il-fond nbena bis-sahha taz-zewg partijiet, u bil-partecipazzjoni attiva tal-konvenut, u

[8] Aff. 11.06.2003 – Vol.1 – fol.313
[9] Vol.3 – fol.606
[10] Vol.2 – fol.593

ghalhekk huwa gust li z-zewg partijiet jibbenefikaw mill-valur tieghu kif stmat mill-perit stimatur.

“Ghaldaqstant tordna li dan il-fond jigi mibjugh fuq is-suq hieles fi zmien sena ghall-prezz mhux inferjuri ghall-ammont ta’ LM117,600; u, fin-nuqqas, jigi mibjugh taht l-awtorita’ tal-Qorti. Ir-rikavat, wara li jigi mhallas minnu d-dejn li jkun ghadu pendenti mal-bank, jinqassam ugwalment bejn iz-zewg partijiet.

“Matul l-imsemmi perijodu ta’ sena, l-attrici qeda tigi awtorizzata tibqa’ tabita f’ din id-dar ad eskluzzjoni ta’ zewgha; izda gheluq is-sena hija, permezz tal-gudizzju odjern, qed tigi ordnata sabiex tallontana ruhha minn din id-dar.

“[C] *Stokk tal-Hanut*:
Illi tenut kont li l-istokk gie stmat mill-konvenut fl-ammont ta’ LM8,000, filwaqt li l-attrici hadet b’kemm jiswew LM2,000, tordna li r-rimanenti stokk jinbigh fi zmien sitt xhur, fin-nuqqas jinbiegh taht l-awtorita’ tal-Qorti. Ir-rikavat jinqasam, in kwantu ghal terz [1/3] jinghata lill-attrici, u r-rimanenti tlett kwarti [3/4] jinghata lill-konvenut;

“[D] *Ghamara - Deheb*

“Tordna li l-ghamara indikata fl-imsemmi elenku tigi mibjugha mill-partijiet fuq is-suq hieles fi zmien sena skont il-valuri moghtija mill-perit stimatur, sakemm il-partijiet ma jifthemux mod iehor bil-miktub; fin-nuqqas, l-ghamara tinbiegh bis-subbasta; ir-rikavat jinqasam ugwalment bejn il-partijiet.

“Rigward id-deheb, imsemmi mill-konvenut fil-lista tieghu, il-Qorti tosserva li l-provi huma kwazi nezistenti, u m’hemmx prova sodisfacenti la dwar l-ezistenza tieghu, u lanqas dwar il-valur tieghu; lanqas hemm elenku ta’ dawn l-oggetti. Ghalhekk il-Qorti mhux ser taccetta din il-pretensjoni tal-konvenut.

“[E] *Ishma Merger Enterprises Ltd*:

“Konformament mas-sentenza fuq citata, tikkonferma li nofs l-ishma ta’ din il-kumpanija jappartjenu lill-attrici, filwaqt li n-nofs l-iehor jappartjenu lill-konvenut.

“[F] *Flus fil-Banek - Overdraft*

“Tordna li l-flus li jinsabu depozitati fil-banek, u ezistenti fid-data tal-lum, kemm jekk ntestati fuq il-partijiet flimkien, kemm jekk ntestati fuq parti wahda, kif ukoll jekk ikunu fuq kontijiet bearer, kemm lokali kif ukoll esteri, – dawn il-flus ghandhom jinqassmu b’ mod ugwali bejn il-partijiet.

“L-istess, ghad-dejn bankarju; dan ghandu jinqasam ugwalment bejn il-partijiet.

“[G] *Speedboat – Cabin Cruiser*:

“Illi l-konvenut isostni li l-ispeedboat kellha valur ta’ LM7000 [illum €16,305.61] u li din id-daghsja ghadha ma nbieghetx izda qieghda mizmuma ghand persuna jdentifikata minnu. Min-naha taghha l-attrici tghid li hi kienet bieghet din l-ispeedboat ghall-prezz ta’ LM550 [illum €1,281.16] izda naqset milli tghid lil min.

“Fic-cirkostanzi l-Qorti taccetta li l-ispeedboat[11] kellha il-valur indikat mill-konvenut; izda ma taccettax it-tezi tieghu li l-ispeedboat ghadha ghand l-attrici, stante nuqqas lampanti ta’ provi fir-rigward, u ghalhekk l-attrici ghandha taghti lill-konvenut <u>nofs</u> l-ammont ta’ LM7,000, <u>nieqes</u> is-somma ta’ LM550 [illum €1,281.16] li hi ppercepiet sabiex tghin ruhha fl-ghajxien taghha u ta’ uliedha.

“Illi rigward il-cabin cruiser il-Qorti tosserva li, filwaqt li l-konvenut jghid li din kienet tiswa LM5000 [illum €11,646.87], l-attrici tghid li l-valur taghha kien ta’ LM16,000 [illum €37,269.97]. Oltre dawn l-allegazzjonijiet ma hemmx provi fir-rigward. Ghalhekk il-Qorti qed tistabbilixxi arbitrio boni viri l-valur ta’ din id-daghjsa fl-ammont ta’ LM10,000 [illum €23,293.73], u, stante li l-konvenut jghid li hu biegh dan il-cabin cruiser, huwa

---

[11] Vide ritratt – Vol. – fol.

ghandu jghati lill-attrici s-somma ta’ LM5,000 [illum €11,646.87]

“[H] *Vetturi*:

“Tordna li l-konvenut jassenja lill-attrici sehemu mill-vettura Isuzu Gemini b’ mod li dina tigi tappartjeni lill-attrici fl-intier taghha; filwaqt li l-attrici tassenja sehemha lill-konvenut mill-vetturi Toyota Tercell, Mazda u l-Ford Transit, b’ mod li dawn jigu jappartjenu lill-konvenut fl-intier taghhom; tordna li l-konvenut jhallas lill-attrici bhala ekwiparazzjoni s-somma ta’ LM1,500 [illum €3,494.06].

Rat ir-rikors tal-appell tal-attrici li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet illi din il-Qorti joghgobha:
“… … … tikkonferma s-sentenza fl-ismijiet premessi datata 27 ta’ Ottubru, 2011 fejn permezz tal-istess l-Onorabbli Qorti Civili Sezzjoni Familja laqghet l-ewwel talba u pronunzjat is-separazzjoni personali bejn il-partijiet bi htija esklussiva tal-konvenut, astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba stante li t-tfal illum huma maggjorenni filwaqt u li tirrevoka u thassar l-istess sentenza fl-ismijiet premessi u dana billi tilqa’ t-tielet talba kif sottomess mill-esponenti f’dan ir-rikors tal-appell fis-sezzjoni ntestata ‘Manteniment’ u kwindi billi tiffissa retta alimentari favur l-esponenti u ‘Manteniment Arretrat’ billi tillikwida u tordna l-hlas tal-istess mill-intimat lill-esponentiskont kif sottomess hawn fuq, tilqa’ r-raba’ talba u xxolji l-komunjoni tal,-akkwisti ghad eskluzjoni tal-assi u djun tas-socjeta` Merger Enterprises Limited u skont kif sottomess mill-esponenti f’dan ir-rikors tal-appell fis-sezzjoni ntestata ‘Komunjoni tal-Akkwisti’ filwaqt illi tilqa’ s-sitt u t-tmien talbiet billi tassenja lill-esponenti Mary Grech ghad eskluzjoni ta’ zewgha l-intier tal-proprjeta` u tal-pussess u l-uzu tad-dar matrimonjali fl-indirizz ‘Villa Incantesimo’, Triq Ghaxqet il-Ghajn, Marsaskala bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti appellati.”

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

Illi din hi kawza ghas-separazzjoni personali bejn il-partijiet li zzewwgu fit-23 ta' Marzu, 1980. Minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal li llum it-tnejn huma maggorenni. L-ewwel Qorti ippronunzjat is-separazzjoni personali minhabba li l-konvivenza bejn il-partijiet kienet saret impossibbli unikament tort tal-konvenut. Dik il-Qorti cahdet it-talba attrici ghall-arretrati ta' manteniment u manteniment futur, u wara ghaddiet biex ixxolji u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti allura ezistenti bejn il-konjugi Grech.

Mis-sentenza appellat l-attrici li qed titlob ir-riforma tas-sentenza. Hi qed tappella mid-decizjonijiet tal-ewwel Qorti marbuta mal-hlas ta' manteniment, mill-mod kif inqasmet il-komunjoni tal-akkwisti, u fir-rigward tal-provvediment tal-Qorti fuq id-dar matrimonjali. Mill-konkluzjoni tal-ewwel Qorti li l-firda sehhet unikament tort tal-konvenut ma tressaq ebda appell.

Trattat l-aggravji marbuta mal-manteniment, l-ewwel Qorti cahdet it-talba tal-attrici ghall-manteniment futur peress illi hija kienet tahdem u rriservat id-dritt taghha li titlob manteniment kemm-il darba din tisfa bla xoghol b'mod involontarju. Fil-fatt, issa hu dan li gara ghax l-impieg tal-attrici gie terminat proprju in vista tal-istat ta' sahha taghha. Jidher li l-attrici tbati minn mard ta' natura psikologika li jghamilha difficli ghaliha li zzomm impieg fiss. Fid-dawl ta' dan, din il-Qorti tara li zewgha ghandu jipprovdilha hu xi haga ta' manteniment, anke sabiex l-attrici ma tibqax dipendenti biss fuq l-ghajnuna socjali. Wara kollox, id-dmir primarju u principali li jipprovdu manteniment lejn xulxin huwa tal-konjugi u mhux tal-Gvern. Din il-Qorti tfakkar li, kif gie deciz, l-attrici hi fl-istat ta' persuna wahedha, unikament tort tal-konvenut, li ghandu, allura, jaghmel l-almu tieghu biex, milli jista', jghin lil martu tghix hajja dicenti.

Nonostante tal-fatt li l-konvenut m'ghandux impieg, din il-Qorti, pero`, tqis li l-konvenut ma weriex li hu fl-

impossibbilita` li jkollu dhul, mehud kont li hu ragel li dejjem kien fin-negozju. La ma ghandhiex indikazzjoni tad-dhul tieghu, din il-Qorti ma tistax hlief tiffissa rata nominali *rebus sic stantibus*, u qeghdha tiffissa dan f'ammont ta' mitejn euro (€200) fix-xahar. Dwar l-arretrati, l-ewwel Qorti cahdet it-talba relattiva minhabba n-nuqqas ta' provi fir-rigward. Hu veru li l-provi prodotti huma mhux biss skarni izda wkoll konflingenti, pero`, tara li, ghall-inqas in parte, jezistu provi dwar ammont ta' arretrati. Il-konvenut stess jghid li ghall-perjodu bejn is-16 ta' Settembru 1996 u l-14 ta' Novembru, 1998, huwa ghadda lil martu b'kollox elf sitt mija u hamsa u erbghin liri Maltin (Lm1,645); f'dak il-perjodu, pero`, hu kien marbut li jhallas, b'ordni tal-Qorti, b'kollox is-somma ta' hamest elef u tliet mija liri Maltin (Lm5,300), li jfisser li *ex admissis* hallas tliet elef sitt mija u hamsa u hamsin liri Maltin (Lm3,655) nieqsa. Min-naha l-ohra, l-attrici irceviet u zammet ghaliha, u dan ghal cirka sentejn, is-somma ta' sittin lira Maltin (Lm60) fix-xahar rapprezentanti l-kera mill-post li kellhom f'Haz-Zabbar. Dan ifisser li, tul dawn is-sentejn, l-attrici zammet ghaliha s-somma ta' seba' mija u ghoxrin liri Maltin (Lm720) indebitament, li, jekk jitnaqqsu mill-arretrati ta' manteniment dovut lilha, jirrizulta li hi ghad fadlilha tiehu s-somma ta' elfejn disa' mija u hamsa u tletin liri Maltin (Lm2,935) jew sitt elef tmien mija sitta u tletin euro u wiehed u sebghin centezmu (€6,836.71). Il-konvenut ghandu, allura, jigi kkundannat ihallas din is-somma lil martu.

Dwar arretrati ohra, sfortunatament ghall-attrici, ma jirrizultax provi sufficjenti bizzejjed biex jissufragaw it-tezi taghha. Hi tghid li, b'kollox, ghandha tiehu s-somma ta' 'l fuq minn erbgha u erbghin elf euro (€44,000), pero`, kif osservat l-ewwel Qorti, il-provi huma karenti. Hu obbligu taghha li tipprova, u dan b'mod preciz u dettaljat, x'irceviet nieqes minghand zewgha. Dan jammetti li mhux dejjem kien regolari fil-hlasijiet li ghamel, pero`, xorta jibqa' l-obbligu tal-attrici li tikkwantifika u tipprova, sal-grad li trid il-ligi, il-pretenzjoni taghha. Kwindi, dan l-aggravju tal-atturi appellanti sejjer jintlaqa' biss sas-somma ta' sitt elef tmien mija u sitta u tletin euro u wiehed u sebghin centezmu (€6,836.71).

Ghar-rigward tal-aggravji marbuta mal-komunjoni tal-akkwisti, din il-Qorti tirreferi ghall-kwistjoni marbuta mal-holqien tal-kumpanija Merger Enterprises Ltd. mill-konvenut; din giet mahluqa b’hames mitt (500) ishma, b’wiehed biss f’isem il-konvenut u l-erba’ mija u disgha u disghin (499) ishma l-ohra registrata fuq isem hu l-konvenut. L-attrici kienet impunjat il-holqien ta’ din il-kumpanija, u l-Prim’ Awla tal-Qorti Civili, b’sentenza tas-26 ta’ Gunju, 1998, kienet sabet li l-arrangament ta’ bejn il-konvenut u huh kien simulat u sar b’qerq u bi hsara tal-jeddijiet tal-attrici fil-komunjoni tal-akkwisti, u ddecidiet li l-ishma kienu kollha jappartjenu lill-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-konjugi Grech. Kif tajjeb isottomettiet l-attrici, ma kienx kompitu tal-Qorti f’dawn il-proceduri li tillikwida din il-kumpanija u taqsam l-attiv u l-passiv taghha. Ghall-fini ta’ din il-kawza, kull ma kellu jinghad kien li l-ishma tal-kumpanija jappartjenu kwantu ghal nofs lill-attrici u nofs lill-konvenut, izda l-ewwel Qorti ma kellhiex tillikwida l-kumpanija – dan ma jidholx fil-kompetenza taghha. Zgur li l-ewwel Qorti ma kellhiex tillikwida d-dejn gravanti fuq l-istess kumpanija, u tordna li dan ghandu jigi spartit ugwalment bejn il-partijiet. Tali decizjoni setghet tkun gustifikata kieku d-dejn kien tal-komunjoni tal-akkwisti, imma f’dan il-kaz hemm qbil li d-dejn huwa fil-fatt gravanti l-kumpanija Merger Enterprises Ltd. Dan id-dejn ghandu jigi diskuss fil-kuntest tal-proceduri ghall-istralc tal-kumpanija, u mhux f’dawn il-proceduri. L-uniku dejn li jezisti huwa, fil-fattt, dak gravanti din l-imsemmija socjeta`, u l-ispartizzjoni tal-istess zgur jezorbita l-kompetenza tal-Qorti Civili, Sezzjoni Familja. Jigi senjalat ukoll illi bejn il-partijiet hemm pendenti proceduri ohra (Citazzjoni Numru 1220/01) fejn l-attrici qed tallega li l-kumpanija giet mghobbija bi djun personali tal-konvenut u huh, bi hsara tal-interessi tal-kumpanija u taghha. Dan ikompli juri kemm, f’dawn il-proceduri, mhux lecitu li jittiehdu decizjonijiet li aktar jirreferu ghall-process ta’ likwidazzjoni tal-kumpanija fi stadju opportun u quddiem il-qorti kompetenti.

Mill-atti jirrizulta li l-assi tal-kumpanija Merger Enterprises Ltd. huma l-hanut ‘Rodac’ f’Hal Qormi, flimkien mal-istokk li jinsab fl-istess hanut, u l-fond 114, Triq Felice, Zabbar;

bhala passiv, jezisti ‘overdraft’ mal-Bank of Valletta. Ghalhekk, safejn is-sentenza tal-ewwel Qorti tolqot dawn l-attiv u l-passiv, l-appell tal-attrici qed jigi milqugh u d-decide relattivi revokati. Dawn huma l-partiti indikati bl-ittra (A), (C) u l-ahhar parti ta’ (F) mill-ewwel Qorti fis-sezzjoni intestata “Komunjoni tal-Akkwisti”, taht it-titolu “Assenjazzjoni”, u allura dak li pprovdiet l-istess qorti taht dawn il-partiti qed jigi revokat.

Fil-kuntest tal-aggravju marbut mad-dar matrimonjali, l-ewwel Qorti irrimarkat illi dan il-fond inbena bis-sahha taz-zewg partijiet, u bil-partecipazzjoni attiva tal-konvenut; hi ordnat li dan jinbiegh wara sena, bir-rikavat jinqasam ugwalment bejn il-partijiet.

L-attrici tilmenta li, la darba l-ewwel Qorti applikat fil-konfront tal-konvenut, id-disposizzjonijiet tal-Aritikolu 48 tal-Kodici Civli, kellha ttellfu minn xi drittijiet fuq l-istess fond. Hi tissottometti li minn dejjem kienet hi, u hi biss, li hadet hsieb lill-ulied, u meta tqis is-swat u t-theddid fiziku u psikologiku li hi kellha tghaddi minnu matul is-snin kollha li damet tabita ma’ zewgha, l-istess attrici kellha, b’xi mod, tinghata preferenza fuq id-dar matrimonjali. Din il-Qorti tirrileva, pero`, li l-Artikolu 48 iwassal biss ghat-telf ta’ nofs tal-akkwisti “*illi jkunu saru l-aktar bil-hidma tal-parti l-ohra*”, mentri f’dan il-kaz ma jirrizultax li d-dar matrimonjali inbniet “*l-aktar*” bil-hidma tal-attrici. Anzi, kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti, kien il-konvenut li l-aktar hadem biex setghet tinbena dik id-dar. Hu kien l-aktar li kien imidd idejh ghax-xoghol li kien hemm bzonn li jitwettaq fil-post, u kwindi ma tirrizultax bazi legali biex hu jigi mcahhad minn sehem ta’ dan il-fond. Meqjus, pero`, il-marda tal-attrici u l-kontribuzzjoni li hi tat ghall-familja, meqjus ukoll l-agir vjolenti tal-konvenut li wassal ghall-firda, din il-Qorti tara li ghandha thalli l-fond matrimonjali ghall-uzu esklussiv tal-attrici ghall perjodu ta’ tlett snin (flok sena kif stabbiliet l-ewwel Qorti), wara liema zmien il-fond ghandu jinbiegh kif stabbilit mill-ewwel Qorti.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-attrici billi tilqa’ l-istess in parte u tikkonferma s-

sentenza tal-ewwel Qorti hlief sa fejn qed jinghad fis-segwenti:

(1) tirriforma t-tielet decide billi (a) tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici martu s-somma ta' sitt elef tmien mija u sitta u tletin euro u wiehed u sebghin centezmu (€6,836.71) bhala arretrati ta' manteniment, u (b) tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici martu s-somma ta' mitejn euro (€200) fix-xahar bhala manteniment ghaliha;

(2) tirriforma r-raba' decide fis-sens li tirrevoka mill-assenjazzjoni li ghamlet l-ewwel Qorti il-partiti [A], [C] u [F], dan tal-ahhar sa fejn jirreferi biss ghad-dejn bankarju, u thalli dak imsemmi f'dawn is-subparagrafi impregudikati; (ghal kull buon fini jigi ccarat li l-ewwel parti tal-partita [F] li tirreferi ghall-qsim tad-depoziti bankarji qed tigi konfermata u mhux milquta bir-revoka); u

(3) Tvarja s-seba' decide fis-sens li l-perjodu ta' sena hemm registrat qed jigi mibdul ghal tlett snin, u tikkonferma l-bqija ta' dan id-decide.

Il-kumplament tad-decide tal-ewwel Qorti qed jigu konfermati.

L-ispejjez kollha tal-kawza jithallsu mill-konvenut appellat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------